FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D.; M. JUR.

Il-Pulizija

Vs

Ludwig Calleja

Seduta Distrett Mosta

Illum 10 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Ludwig Calleja** ta' 38 sena, iben Emanuel u Rita nee' Schembri imwioeled Pieta' nhar it-12 ta' April 1984 u residenti gewwa 'Enchante', Triq Marjanu Gerada, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' numru 212184M

**Akkuzat** talli f'dawn il-gzejjer u cioe nhar id-19 ta' Settembru 2022 ghall-habta tas-18.25hrs gewwa Triq Patri Guze Delia, Mosta:

1. Ghamilt lil Matthew Sammut ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kont ipprovokat ingurjajt b'mod li hrigt il-barra mil-limiti ta' provokazzjoni; Art. 339(1)(e) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamilt vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta ta' Matthew Sammut, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-Artikolu, u lanqas band'ohra f'dan il-Kodici, Art. 340 (d) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

3. U iktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi bzaqt xi sustanza jew nehhejt mahta mill-imnieher, jew hallejt jew iddepozitajt exkreta materjali tal-bniedem, inkluz vomtu jew hallejt jew iddepozitajt xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew ghal fuq xi triq jew xi post pubbliku, bahar, jew spazju miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, u/jew dan id-depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat b'ligi, Skeda 1, Partita 4, L.S. 549.40.

Rat l-atti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan huwa incidenti li allegatament sehh fid-19 ta' Settembru 2022 meta certa Matthew Sammut kien ghaddej minn Triq Patri Guze' Delia, il-Mosta bil-vettura tieghu. Go din it-triq apparentament toqghod il-mara tieghu u mill-gallarija huwa ra lill-imputat. Jidher li l-imputat bezaq fuq il-vettura tal-kwerelant Matthew Sammut.

Meta l-akkuzat mar l-ghassa hekk kif ordnat mill-pulizija, hu ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu kif kellu kull dritt li jaghmel.[1]

**Il-Provi**

Xehed **PS 1236 J. Gatt** permezz tal-affidavit fejn ikkonferma li l-kwerelant Matthew Sammut mar l-ghassa fid-19 ta' Settembru 2022 u allega li certu Ludwig Calleja kien bezaq fuq il-vettura tieghu meta tal-ewwel kien ghaddej bil-mod bil-vettura tieghu. Ix-xhud jikkonferma ukoll li l-imputat gie l-ghassa wara li l-pulizija baghtu ghalih u wara li inghata id-drittijiet tieghu skond il-ligi irrifjuta li jwiegeb id-domandi.[2]

Xehed **Matthew Sammut** nhar it-2 ta' Gunju 2023 fejn ikkonferma r-rapport li kien ghamel l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta nhar id-19 ta' Settembru 2022. Jikkonferma li lemah lill-imputat fil-gallarija tal-ex mara tieghu u meta baqa ghaddej bil-mod bil-vettura jghid li sema' 'ja kurnut', hares lejh u hareg l-imputat jobzoq ghal fuq il-vettura tieghu. Huwa ma irrispondihx lura u mar jaghmel rapport.

[1] Folio 4 tal-process.
[2] Folio 6 u 7 tal-process.

Kontro-ezaminat jghid li l-bezqa kienet fid-direzzjoni tieghu. Jghid li hu, ossija l-imputat, kien fil-gallarija. Ma jiftakatx ezatt jekk kienx wahdu. Jikkonferma li ma ghamel xejn.

Xehed **Ludwig Calleja** nhar it-2 ta' Gunju 2023 u wara li gie imwissi skond il-ligi li kellu dritt ma jixhidx peress li huwa imputat, huwa ghazel li jixhed. Jghid li wasal mix-xoghol u hareg fil-gallarija ipejjep sigarett u kien hemm il-partner tieghu qed tonxor. L-appartament jinsab fi Triq Patri Guze' Delia, Mosta. Isostni li fil-gallarija kien hemm il-partner tieghu Svetlana li kienet qed tonxor. Jichad li kellem lill-kwerelant f'xi hin u ma kien hemm l-ebda tghajjir.

Kontro-ezaminat jghid li r-ritratti pprezentati minnu hadhom il-bierah u li fil-jum tal-incident kien jirrisjedi fir-residenza. Fir-residenza jirrisjedu wkoll Svetlana u Svea Sammut li tigi l-ex-mara u t-tifla tieghu rispettivament. Jikkonferma li Svetlana kienet hdejh fil-gallarija. Jghid li l-kwerelant kien ghaddej b'van griz. Jikkonferma li Matthew ma qallu xejn u li lanqas hu ma qallu xejn u lanqas bezaqlu.

Ri-ezaminat jghid li sar jaf bl-incident meta cemplulu l-pulizija fil-ghaxija stess, waqt li hu kien qed jiekol.

Xehdet **Svetlana Sammut** waqt is-seduta tat-2 ta' Gunju 2023 u tiddikjara li dak in-nhar kienet qed taqla' l-hwejjeg u titnihom u rat lill-kwerelant ghaddej minn quddiem ir-residenza taghha. Tghid li l-imputat kien qed ipejjep sigarett hdejha. Tghid li Matthew ghadda biss minn taht il-gallarija u ma kienx hemm diskursati bejn il-partijiet. Tghid li hija ghandha protection order favuriha u jitkellmu biss fuq it-tifla.

Kontro-ezaminata tghid li kienet tghix fl-appartament mal-partner taghha. Ticcara li l-kwerelant kien jirrisjedi b'mod mhux permanenti fir-residenza tal-Mosta pero' kien jirrisjedi propjament Hal-Tarxien. Tikkonferma li ratu hemm fil-vettura. Tghid li ma bezaqx. Tichad li kien hemm xi tghajjir.

**Ikkunsidrat:**

Minghajr dubbju il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet kontrastanti fejn il-kwerelant qed jghid li l-imputat ghajru kurnut u bezaqlu ghal fuq il-karrozza.[3] Infatti jghid testwalment:

'Xhud: U f'daqqa wahda nisma' malli wasalt qrib, jigifieri parallel bi dritt ghal mal-gallarija li tigi taht, ghaddej minn taht il-gallarija wieqfa fit-traffiku jghajjat ***ja kurnut*** inhares lejh.

Parte Civile: Mela, ha.

Xhud: U f'daqqa wahda narah johrog dan u jobzoq bila ghal fuq ghan-naha ta' **ghal fuq il-vettura**.'[4]

Minn-naha l-ohra l-imputat u l-ex- mara tal-kwerelant jichdu li sar xi diskors jew li l-partner il-gdid taghha bezaq lill-imputat.

Issa ghalkemm hu ben risaput li mhux kull kuntrast fil-provi ghandu jirrizulta fil-liberazzjoni tal-imputat, il-Qorti sejra taghmel dawn is-segwenti osservazzjonijiet:

[3] Ara pagna 1 tad-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti data 2/6/ 23.
[4] Enfasi tal-Qorti.

1. Ma jidhirx li l-*parte civili* qed tattakka b' xi mod li il-posizzjoni tal-vettura tal-kwerelant Matthew Sammut, li skond l-imputat kienet fuq in-naha opposta tal-karreggata u li immarka bi vlegga.[5] Din il-posizzjoni tal-vettura hija pjuttost 'l boghod mill-posizzjoni ta' fejn kien jinsab l-imputat fil-gallarija u ghalhekk il-Qorti temmen li kien difficli li b'bezqa tolqot il-vettura tieghu.

2. L-abbli avukat tal-parte civili jargumenta li mhux bil-fors tissussisti l-akkuza numru tlieta li tintlaqat il-vettura. Hawn ghandu ragun, pero' dak li qal lill-pulizija *a tempo vergine* u dak li xehed quddiem din il-Qorti Matthew Sammut inaqqas il-kredibilita' tieghu minn dan l-aspett. Infatti anki meta mar jaghmel ir-rapport **imkien ma semma li gie mghajjar kurnut u insista li l-imputat 'bezaqlu mill-gallarija ghal isfel ghal fuq il-vettura tieghu.'[6] Dunque skond Sammut il-vettura intlaqtet u mhux biss Calleja bezaqlu!**

3. L-affidavit ta' PS 1236 J. Gatt, ufficjal tal-pulzija li la ghandu minn naha u lanqas mill-ohra **ma jsemmi imkien fix-xhieda tieghu li l-kwerelant qallu li l-imputat ghajru kurnut u isostni ukoll li l-kwerelant qallu li l-imputat bezaqlu ghal fuq il-vettura tieghu**.[7]

Il-Qorti ghandha *lurking doubt* fil-fatt x'gara ezatt u dan d-dubju ghandu jimmilita favur l-akkuzat.

**Fl-opinjoni kunsiderata tal-Qorti il-prosekuzjoni ma irnexxilix tipprova l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tal-imputat sal-grad**

[5] Dok MC 1.
[6] Folio 4 tal-process.
[7] Folio 6 tal-process.

**rikjest fil-kamp penali, ossija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, wara l-Qorti wara li rat l-Artikolu 340 (d), 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Legislazzjoni Sussidjarja 549.40 Skeda 1, Partita 4 qed tillibera lill-imputat minn kull akkuza u htija.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Iamin Guarracino

Deputat Registratur.